**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 24 ta' Jannar, 2023**

**Talba Nru: 228/2022MD**

**Catherine Mifsud ID: 340746 (M)**

**Giovanna Mifsud ID: 344951 (M)**

**Vs**

**Josef Zamit ID: 0020082 (M)**

## It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-1 ta' Awissu, 2022[1] permezz ta' liema l-atturi talbu li l-intimat jigi ddikjarat responsabbli tal-hsara volontarja li wettaq fuq qsari u *pots* li r-rikorrenti huma proprjetarji taghhom, jiddikjara li d-danni u l-ispejjez sabiex tigi rrangata din il-hsara tammonta ghas-somma ta' seba' mija u wiehed sittin Ewro u ghoxrin centezimu (€761.20) u jikkundanna lil intimat sabiex ihallas l-istess somma lill-atturi; bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat kawtelatorju u bl-imghaxijiet legali.

Ra l-fatturi[2] annessi mal-istess avviz.

[1] *A fol* 1 *et seq* tal-process.
[2] *A fol* 4 *et seq* tal-process.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-intimat gie debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti tad-29 ta' Novembru, 2022,[3] u tal-15 ta' Dicembru, 2022.[4]

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tal-atturi fis-seduta tad-29 ta' Novembru, 2022[5] u fil-fatt il-intimat ma dehrx sabiex jirrispondi ghalih ghas-seduta tal-15 ta' Dicembru, 2022.[6]

Ra x-xhieda ta' Catherine Mifsud u Giovanna Mifsud[7], fejn ikkonfermaw li l-ammont ta' seba' mija, wiehed u sittin Ewro u ghoxrin centizmu (€761.20) ghadu dovut mill-intimat u ilu dovut mill-15 ta' Gunju 2022. Ipprezentaw ukoll *pen drive* li juri lil persuna taghmel il-hsara fuq il-proprjeta' taghhom.

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra. Ulterjorment it-talba tirrizulta kkonfermata wkoll mill-fatturi annessi mal-istess avviz li jindika li l-ispejjez sabiex il-hsara tigi rrangata, u mix-xhieda ta' Catherine Mifsud u Giovanna Mifsud u l-filmat pprezentat.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talbiet attrici kollha billi jiddikjara lil intimat responsabbli tal-hsara volontarja li wettaq fuq qsari u *pots* proprjeta' tal-atturi, jiddikjara li l-ispejjez sabiex tigi rrangata l-hsara kien ta' seba' mija, wiehed u sittin Ewro u ghoxrin centizmu (€761.20) u jikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' seba' mija, wiehed u sittin Ewro u ghoxrin centizmu (€761.20) bl-imghax dekorribbli mis-15 ta' Gunju, 2022[8] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza u tal-mandat kawtelatorju jithallsu unikament mill-intimat.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Gudikatur**

---

[3] *A fol* 28 tal-process.
[4] *A fol* 30 et seq tal-process.
[5] *A fol* 29 tal-process.
[6] *A fol* 30 *et seq* tal-process.
[7] *Ibid.*
[8] *Vide* xhieda ta' Catherine Mifsud u Giovanna Mifsud, a fol 30 *et seq* tal-process.